MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 333/2003

**Universal Inspectorate & Services Limited**

**vs**

**Euro Chemie Products Limited
First International Merchant Bank Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjetajiet konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' sitt elef, erba' mija u tmienja u hamsin punt tlettax Euro (6458.13), parti minn bilanc originali ta' Euro 10312.97, rapprezentanti servizzi ta' certifikazzjoni (Certifikati Numri 267/UIS/02, 070/IRC/02 u 073/IRC/02) prestati**

**lill-konvenut Euro Chemie Products Limited in konnessjoni mal-*letter of credit* 966/91/2002 (FIMBank Ref. FIMILMA02940002) skond l-invoices numri 02/0267, 02/0070 u 02/0073 tas-26 ta' Gunju tas-sena 2002, 16 ta' Dicembru tas-sena 2002 u 31 ta' Dicembru tas-sena 2002 rispettivament, liema flus kienu fil-pussess tal-konvenut First International Merchant Bank Limited li kellu istruzzjonijiet irrevokabbli minghand il-konvenut Euro Chemie Products Limited biex ihallashom lis-socjeta' attrici, izda naqas li jaghmel dan, bl-imghax kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) dekoribbli mid-data ta' kull invoice izda mehud in konsiderazzjoni l-pagamenti maghmula akkont, u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-4 ta' Marzu, tas-sena 2003 u ta' l-ittri bonarji tat-28 ta' Marzu tas-sena 2003, 28 ta' April tas-sena 2003, 27 ta' Mejju tas-sena 2003 u 30 ta' Mejju tas-sena 2003. Ghall-finijiet ta' kompetenza jigi dikjarat li l-ammont mitlub fl-avviz prezentement ma jeccedix it-tlett elef Lira Maltin (LM3000) ;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta Euro Chemie Products Limited twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta Euro Chemie Products Limited naqset u ma dehritx, la fis-7 ta' Ottubru tas-sena 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta Euro Chemie Products Limited.**

**Tordna li l-procedura titkompla fil-konfront tas-socjeta' konvenuta First International Merchant Bank Limited**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------